Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 74/2018

Il-Pulizija

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Ronald Apap

Illum 4 ta' Dicembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ronald Apap detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 150470M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-15 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 10:00hrs bil-vettura CBR338 gewwa VITORJA TRIQ IL-, QORMI

1. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3(1), 4(4))

2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))

3. Ghamilt uzu minn marka ta' Registrazzjoni xort' ohra minn dik moghtija mill-

Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari (L.S. 368.02 Artiklu 44 (5))

4. Ghamilt uzu minn pjanci li ma kienux inhargu mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u li ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari (LS 368.02 Artiklu 32(5))

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli tiehu jew ikollha ebda Licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax-il (12) xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti rat li l-akkuzi jirrizultaw ippruvati; Illiberatu mill-akkuza numru tlieta [3] u sabitu hati tal-akkuzi numri wiehed [1], tnejn [2], erbgha [4] u;

Ikkundannatu sentenza ta' prigunerija ta' 4 xhur u, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul perjodu ta' 4 snin millum, l-akkuzat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti, qabel ma harget l-ordni ta' sentenza sospiza, fehmet lill-hati l-effetti kollha tal-ordni u l-fatt li, f'kaz li ma jikkonformax ma' l-ordni moghtija lilu, l-akkuzat jista' jinghata sentenza ghall-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti fil-proceduri odjerni.

Il-licenzja mhux sospiza ghal din id-darba biss.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ronald Apap, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fl-20 ta' Frar 2018 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi, filwaqt li:

1. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tat-tielet akkuza;

2. **Thassar, tirrevoka u tikkancella** l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

   u li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib lill-esponent hati ta' xi wahda mill-akkuzi, din l-Onorabbli Qorti ghandha flok piena karcerarja tapplika l-multi skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Ronald Apap huma s-segwenti u cioe`:-

1. *L-Ewwel Aggravju*

1.1 Illi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti f' li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment issibu hati tal-ewwel akkuza u dan ghax ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi bil-konsegwenza li ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

1.2 Illi dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-esponent gie akkuzat li *"Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3(1), 4(4)"*, meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 338 kienet koperta minn polza tal-assigurazzjoni u dan kif xehed PS 1482 Bjorn Schembri stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug li bil-gurament tieghu a fol 24c ghal domanda tal-Qorti xehed li *"[...] l-karozza kienet inxurjata [...]"*;

1.3 Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni fix-xhieda taghha ammettiet li l-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni valida;

2. *It-tieni aggravju*

2.1 Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, mhijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b'apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit tal-atti processwali sabiex tara jekk f'dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha;

2.2 Illi l-esponent hassu aggravat mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment issibu hati tat-tieni akkuza u cioe` *"Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza (Kap 65 Artiklu 15(1)(a),(3))"*, meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 338 kienet validament licenzjata;

2.3 Illi l-akkadut sehh fil-15 ta' Gunju, 2016, filwaqt li Brian Farrugia, rapprezentant ta' Transport Malta a fol 30b xehed bil-gurament tieghu, u dan wara li gie mistoqsi mill-Qorti li:

> *"Xhud: Il-licenzja taghha kienet regolari, ghax il-licenzja kienet valida sat-30 ta' Gunju 2016".*
>
> *Il-Qorti: Igifieri mela in-number plate CBR 338 kien validu. Illicenzjat kif suppost?*
>
> *Xhud: <u>Milli qed jidher iva. Milli ghandi hawnhekk</u>".* (enfasi mizjuda)

2.4 Illi allura wiehed jistaqsi, kif qatt l-akkuzat seta' jinstab hati li saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 338 minghajr licenzja meta r-rapprezentant ta' Transport Malta stess xehed li l-vettura in kwistjoni kienet koperta b'licenzja valida sal-15 ta' Gunju 2016?;

2.5 Illi l-esponent ghandu jigi lliberat minn din l-akkuza stante li l-prosekuzzjoni fix-xhieda taghha ammettiet li l-vettura kienet koperta b'licenzja valida;

3. *<u>It-tielet aggravju</u>*

3.1 Illi l-esponent hassu aggravat ghall-fatt li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt

legalment u ragjonevolment issibu hati tar-raba' akkuza u cioe` *"Ghamilt uzu minn pjanci li ma kienux inhargu mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u li ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari (LS 368.02 Artiklu 32(5))"*, meta Brian Farrugia, rapprezentant ta' Transport Malta xehed bil-gurament nhar l-14 ta' Novembru 2017, fejn ghad-domanda tal-Qorti wiegeb:

> *Il-Qorti: Allura n-number plate BBI 056 kien qieghed fuq xi vettura?*
>
> *Xhud: Issa ohra ma jirrizultax. Issa jista' jkun ma elaborajtx u rrid nara jekk kienx sar xi rapport u ttiehed, igifieri m'ghamiltx ricerka jekk in-numru giex ritornat l-awtorita jew le." (fol 30b) (enfasi mizjuda)*

3.2 Illi l-istess Brian Farrugia xehed ukoll li fir-rigward tan-numru CBR 338 dan hu n-numru tal-vettura Toyota Carina li fil-15 ta' Gunju 2016 kienet registrata f'isem Ronald Apap, fejn l-Ewwel Qorti rrimarkat ukoll:

*"Il-Qorti: Igifieri mela in-number plate CBR 338 kien validu. Illicenzjat kif suppost?*

*Xhud: Milli qed jidher iva. Milli ghandi hawnhekk."*

3.3 Illi minkejja l-allegazzjonijiet li l-esponent ghamel uzu minn pjanci li ma kienux inhargu mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u li ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari, ma ngabitx imkien l-icken prova li dawn ma kienux inhargu minn Transport Malta jew li l-vettura kienet qed tinstaq bi pjanci li ma kienux jappartjenu lilha;

3.4 Illi fil-*Current Incident Report* tal-15 ta' Gunju 2016, a fol 27, jinghad li *"[...] in-numri tar-registrazzjoni kienu ga gew maqlugha mis-sewwieq."* u ma ngabet ebda prova li l-vettura in kwistjoni ma kellhiex il-pjanci taghha, b'dan illi allura qatt ma seta' jigi verifikat liema pjanci kienu fuq il-vettura u li fil-kamp kriminali *in dubio pro reo*;

3.5 Illi minkejja li n-numri allegatament gew maqlugha mis-sewwieq, PS 1482 Bjorn Schembri xehed daqs li kieku kien jaf liema pjanci kienu fuq il-vettura, fejn f'dan il-bran jidher car li PS 1482 ma kienx jaf u kien incert dwar liema pjanci kienu mwahhla fuq il-vettura *"Wiehed minnhom dawk it-tnejn, u wiehed minnhom kien go*

*trunk wara"* (fol 24b). Imma ezattament ghal liema pjanci qed issir referenza? Illi bhallikieku ma kienx bizzejjed, PS 1482 jerga' juri d-dubju u l-incertezza fix-xhieda tieghu meta jghid *"<u>Ma nafx liema wiehed minnhom kien fejn</u>, imma dawk it-tlieta"* (fol 24b). (enfasi mizjuda);

3.6 Illi tant il-pulizija ma kellha l-ebda prova dwar l-akkuzi taghha, li wara li gie vverifikat ix-chassis number tal-vettura fuq il-post, gie kkonfermat li l-vettura kienet inxurjata *"u l-karozza kienet inxurjata, u l-karozza kienet inxurjata, imma ma kellhiex in-number plates it-tajbin"* (fol 24c), il-karozza giet ittowjata fil-garaxx personali tal-esponent u mhux mehuda mill-pulizija;

3.7 Illi PS 1482 Bjorn Schembri xehed ukoll li ma rax lill-esponent isuq.

4. *<u>Ir-raba' aggravju</u>*

4.1 Illi l-esponent hassu aggravat mill-piena li giet imposta fuqu;

4.2 Illi stante li gie ammess mill-istess prosekuzzjoni li l-vettura tal-esponenti kienet kemm licenzjata u kemm validament assikurata, l-ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-esponent abbazi tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza;

4.3 Illi ghar-rigward tar-raba' akkuza, li kieku ghall-grazzja tal-argument kellha tinstab xi htija, il-piena a tenur tal-Ligi Sussidjarja 368.02, artiklu 44(7)(e) ghal *"sewqan ta' vettura bil-mutur bi pjanci ta' registrazzjoni li jkunu gew mibdula, imhassra, sfigurati jew li jkun gie mizjud xi haga fihom"* hija dik ta' minn €25 sa €60;

Illi huwa f'dana l-isfond li dawn l-izbalji ta' fatti wasslu sabiex l-Ewwel Qorti, bir-rispett, ghamlet apprezzament u applikazzjoni zbaljata tal-ligi wkoll u hija evidenti li ma tezisti l-ebda prova dwar l-akkuzi tal-prosekuzzjoni;

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent Degaetano fid-decizjoni taghha datata 23 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v George Spacey osservat li:

> *"Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, hija ma tiddisturbax*

*leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti. Jekk din il-Qorti, wara li tkun ezaminat il-provi kollha u bir-reqqa, tkun tal-fehma li l-ewwel Qorti, bil-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din il-Qorti ma tiddisturbax dik il-konkluzjoni; Jekk invece din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni impellenti sabiex dik il-konkluzjoni tigi varjata jew addirittura revokata.*

*[…]*

*… Fic-cirkostanzi tal-kaz, u peress li l-ewwel qorti jidher li biex waslet ghall-konkluzjoni taghha injorat certi fatti importanti, din il-Qorti ma tarax li tista' b'dik is-serenita' li ghandha takkumpanja kull gudizzju tikkonferma s-sentenza appellata. Fi kliem iehor, tenut kont ta-cirkostanzi kollha, id-decizjoni ta' l-ewwel qorti li sabet htija ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet hija "unsafe and unsatisfactory"."*

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2018.

Ikkunsidrat.

Rat ix-xhieda ta **PS 1482 Bjorn Schemrbi** moghtija minnu nhar l-14 ta' Novembru, 2017. Dan spjega li dakinhar tal-15 ta Gunju 2016, huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u kellhom telefonata minn zewg wardens li kienu waqfu persuna li kienet qed isuq u n-number plates li kellha fuq il-vettura ma kienux jaqblu mal-vettura. Huma ghalhekk marru fuq il-post indikat lilhom u sab li kien hemm tlett number plates differenti. Wiehed kien fuq quddiem u dak ta' wara kienu differenti minn xulxin u fit-trunk kien hemm number plate iehor u l-ebda wiehed minnhom ma kien jaqbel. Qal ukoll li ma setghux jaraw ic-chassis number u ghalhekk talbu li jmur l-maggur tal-garage u dan sab ic- chassis number u rrizulta li n-number plate prorpja tal-vettura kien CBB 338.

Ikkonferma li n-number plates li kien hemm fuq il-post kellhom in-numru BBI 056,

BBV 634 u BBI 056. (Jigi rilevat mill-Qorti li ghalkemm ix-xhud qal li in-numri kienu kollha differenti jirrizulta li tnejn min number plates kellhom l-istess numru ghalkemm ma jghajtux l-vettura.)

Mistoqsi jekk l-appellant tahx xi spjegazzjoni ghal dawn in-number plates jghid li ma tahomx. Jghid pero' li l-vettura giet ittowjata ghal-garage tieghu stess Hal Qormi u gie mgharraf biex ma jsuqx jekk m'ghandux in-number plates taghha. Qal li l-maggur iccekja l-vettura u irrizulta li kellha polza ta' sigurta tajba u li n-nuqqas kien biss li n-number plates ma kienux jaqblu.

Jghid li fl-ebda hin ma ra lill-apapellant isuq. Huwa pprezzenta l-okkorenza mehuda minnu li tinsab a fol. 25 .

Rat ix-xhieda ta' **Brian Farrugia** li xehed ghan nom u fl-interess ta' Transport Malta nhar l-14 ta' Novembru, 2017 (fol. 30a). Spjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBV 364 hija tal-ghamla Toyota Vitz ta' lewn blu registrata f'isem Loraine Azzopardi minn B'kara u ilha hekk registrata mit-2 ta Mejju 2016.

Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBI056 hija registrata f'isem Mark Louis Galea u hija vettura tal-ghamla Fiat Bravo ta' lewn blu u ilha registrata fuq ismu mill-24 ta' Settembru, 2004 pero' ighid li illum il-gurnata din il-vettura ghandha numru ta' registrazzjoni differenti u cioe BVO 020 u dan mit-8 ta' Ottubru 2012.

Il-vettura bin-numru ta' registrazjoni CBR 338 hija vettura tal-ghamla Toyota Carina ta' lewn Silver u fil-15 ta' Settembru, 2016 giet registrata f'isem l-appellant u susegwentement giet trasferita lil terzi. Qal li kellha licenzja regolari u kienet valida sat-30 ta' Gunju 2016.

**Warden 581 Lawrence Briffa** xehed quddiem l-ewwel Qorti pero' ix-xhieda tieghu ma gietx dattilografta u ghalhekk dan l-istess xhud rega' xehed quddiem din l-istess Qorti. Jghid li huwa kien fixed point hdejn il-Pavi Hal Qormi flimkien ma gwardjan lokali iehor u proprju fi Triq Guzze Ellul Mercer. F'xi hin lemah vettura gejja bla licenzja imwahla mal-wndsreen u minkejja li ghamillu sinjal dan ma waqafx. Il-

vettura kienet tal-ghamla Toyota ta' kulur Silver. In-numru ta' registrazzjoni pero' nesih.

Din il-vettura kompliet sejra u huma ukoll. Telqu minn fuq il-post u telghu minn St Francis street u raw il-vettura hierga minn Triq Guze Muscat u segwuha u waqfu hdejn il-poliklinika fi Triq il- Vittorja. Din kienet l-istess vettura li kien innota li ma kellhiex licenzja imwahla mal-windsreen. Fl-awla gharaf lill-appellant bhala is-sewweiq ta' din l-istess vettura.

Huwa pprova idahhal in-numru li kien hemm fuq in-number plate izda dak ta' quddiem kien jghajjat karozza ohra tal-ghamla Vauxhaul u nnota wkoll li n-number plate li kien hemm imwahhal fuq wara kien differenti minn ta' quddiem u ukoll kien jghajjat lill-vettura ohra li kienet tidher skrappjata mas-sistema.

Ftit wara gew il-pulizija u qalghu n-number plates u haduhom maghhom. Iccekjaw ic-chassis number li dan kien jaqbel . Ikkonferma pero' li licenzja mal-windscreen ma kienx hemm. Huwa ma setghax ihalli lill-appellant fit-triq bil-vettura. Qal li ma jafx jekk il-vettura kientix tal-appellant pero' jaf li kien hu biha. Fil-fatt jghid li skond ma qallu l-appellant il-vettura kienet tieghu pero' kienet *for resale*.

Mistoqsi in kontro esami jekk kienx hu li waqqaf lill-appellant jew jekk kienx il-warden 418 ighid li kienu flimkien. Qal li meta talab lill-appellant ghall-polza ta' sigurta dan ma tah xejn. Qal illi una volta kien bla licenzja mal-windscreen fehem li kien bla licenzja. Jghid pero' li huwa xtaq jaghti l-akkuza ta' 'license not affixed' lill-appellant. Jghid li jaf li l-appellant ghandu showroom hal Qormi pero' ma jafx jekk hux l-propretaju taghha.

L-**appellant Ronald Apap** xehed quddeim din il-Qorti u kkonferma li l-wardens kienu waqqfuh. Spjega li kien hareg il-vettura mill-garage, saq lejn St. Edwards Street u ra l-wardens izda jghid li mhux veru waqqfuh dak il-hin. Imbaghad nizel minn Mdina road u baqa ghaddej u nizel minn New street u telgha lejn Triq il-

Vittorja ghadda minn hdejn haunt Raymond's Ironmongery, haunt taz-zebgha li hemm fi Triq il-Vittorja u hemmhekk gie imwaqqaf minn zewg wardens. Qal li l-wardens bdew ikelmuh u hu ma wegibhomx. Ftit wara wasal il-pulizija u ccekja ic-chassis number izda dan kien tajjeb. Qal li dak il-hin tawh il-vettura lura ghaliex sabu li kollox kien sew. Cahad li kienu ittowjawlu l-vettura. Insista li kollox kien tajjeb u fil-fatt inghata il-vettura dak il-hin stess. Qal li licenzja fuq il-windscreen kellu.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan l-appell l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet appreezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex mill-atti jirrizulta li l-appellant kellu licenzja sabiex isuq vettura u kien ukoll kopert bi polza ta' sigurta u ghalhekk qatt ma messu instab hati ta' l-ewwel u it-tieni akkuza. In oltre l-appellant isostni li ma kellux jinsab hati tat-tielet akkuza u dan ghaliex il-prosekuzjzoni naqset li tressaq prova li ma kientix l-Awtorita tat-traport li harget in-number plates li instabu fuq il-vettura misjuqa mill-appellant. Fir-raba' lok ihoss li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva fic-cirostanzi.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi l-ewwel, tlett aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi" [14.2.1989]; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991]; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.[1]" Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt[2]**", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

[1] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[2] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

Illi dan ghaliex f'numru kbir ta' kawzi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda kollha jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, huwa assodat li fil-15 ta' Gunju, 2016 l-appellant gie imwaqqaf minn warden W581 Lawrene Briffa, waqt li kien ghaddej minn Triq il- Vittorja, Qormi bil-vettura tal-ghamla Toyota Carina numru ta' registrazzjoni CBR 338 u inghta l-erbgha akkuzi li jinsab akkuzat bihom.

Illi l-ewwel Qorti bis-sentenza taghha tal-20 ta' Frar, 2018 sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuzi u kkundannatu ebra' xhur prigunerija sospiza ghall-erba' snin. Kif ukoll iddikjarat lill-appellant mhux hati tat tielet akkuz u ghalhekk illiberatu minnha .

Konsegwentement din il-Qorti mhiex ser titratta it-tielet akkuza fejn l-appellant gie liberat minnha.

Illi fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat talli uza vettura minghajr ma kient koperta bi polza ta sigurta. Jinghad li skond ix-xhieda ta PS 1482 li ma gietx kontestata l-vettura tal-ghamla Toyota Carina bin-numru ta registrazzjoi CBR 338 kienet koperta bi polza ta' sigurta u dan ghaleix stqarr li l-vettura kienet inxurjata. Illi l-appellant ukoll stqarr bil-gurament tieghu li l-pulizija sabu li l-vettura kienet regolari. Illi filwaqt li huwa minnu li ma gie esebit l-ebda polza ta' sigurta xorta jibqa' l-fatt li fid-dawl ta' tali xhieda tal-prosekuzzjoni zgur li hemm dubbju jekk il-vettura kienitx

koperta jew le jew almenu x'tip ta' polza kellha, liema dubbju pero' ghandu jmur favur l-appellant. Jinghad ukoll li l-warden jghid li huwa xtaq li tinhareg l-akkuza li l-appellant saq vettura meta ma kellux licenzja '*affixed to the windscreen*' u ghalhekk l-apepllant ghandu ragun jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok l-appellant gie akkuzat talli saq il-vettura CBR 338 meta ma kellhiex licenzja valida (road license) u hawnhekk ukoll l-Qorti taghmel referenza ghal dak li stqarr Brain Farrugia li xehed ghan nom u in rappresentanza ta' Transport Malta meta jghid li l-vettura kellha licenzja regolari u cioe' jghid aktar ghaliex jghid li r-road license kienet valida sat-30 ta' Gunu 2016. Issa l-incident in kwistjoni meta gie imwaqqaf l-appellant sehh fil-15 ta' Gunju, 2016 u ghalhekk zgur li l-vettura kienet koperta bil-licenzja tat-triq. Il-pulizija li marru fuq il-post sabiex jinvestigaw u jghinu lil warden fl-istharrig tieghu ukoll ma jghidux li l-vettura ma kienitx koperta b'licenzja tat-triq. Konsegwentement l-appellant ukoll ghandu ragun jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti f'dan ir-rigward.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe' li l-appellant ghamel uzu minn pjanci li ma kienux inhargu mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta u li ma kienux jappartjeni lil dik il-vettura partikolari jinghad li skond l-warden Lawrence Briffa u skond ix xhieda ta' PS 1482 Bjorn Schembri in-number plates li instabu fuq il-vettura meta giet misjuqa mill-appellant u imwaqqfa kienu BBI 056 u BBV 634. Issa skond ix- xhieda ta' Brian Farrugia in-number plates BBI 056 kienet tghajjat lil vettura tal-ghamla Fiat Bravo ta' kulur lewn blu registrata f isem Mark Louis Galea waqt li l-vettura EBV 634 kienet tghajjat lil vettura tal ghamla Toyota Vitz registrata f'sem Loraine Azzopardi. Illi jirrizulta ukoll li l-vettura misjuqa mill-appellant kellha numru ta' registrazzjoni iehor differenti u coe CBR 338 u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghaliex l-appellant kellu ikollu dawk iz- zewg number pates li ighajtu zewg vetturi ohra. Jingahd li fl-ebda moment ma l-appellant pprova jiggustifika l-ghemil tieghu u ghalhekk ghamlet sew l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tar-raba' akkuza.

Dwar ir-raba' aggravju u cioe' li l-ewwel Qorti kient eccessiva fir rigward tal-piena

jinghad li una volta ser ikun hemm modifika fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti allura ser ikun hemm ukoll modifika fil-piena li inghatat.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza stante li ma kien hemm l-ebda′ appell fir-rigward taghha qieghda tirriforma l-appell fir-rigward ta′ l-ewwel u t-tieni akkuza u ghalhekk qed timmodifika is-sentenza tal-ewwel Qorti f′dan ir rigward billi tiddikjara li mhux qed issib lill-appellant hati taghhom u ghalhekk tilliberah minnhom izda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-raba′ akkuza stante li din tirrizulta provata b′mod sodisfacenti u f′dan ir-rigward qed tvarja l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta mitt euro ( €100).

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur